**Kunsill Lokali Birgu**
Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Laqgha 05 (07)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghal-Laqgha Numru 5 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-Tlieta 16 ta' Gunju, 2015 fil-hamsa nieqes kwart ta' wara nofsinhar (4:45pm).

Il-hames (05) Laqgha tas-sebgha (7) Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

- Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 04 (07)
- Korrispondenza
- Attivitajiet ta' Jum il-Birgu 2015
- Birgufest 2015
- Id-Data tar-Referendum tal-bini mill-gdid tat-Torri tal-Arlogg
- Triq il-Kardinal
- Aggornament –data tal-laqgha li jmiss

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall
Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi,
Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard,
Il-Kunsillier, is-Sur Eman Zerafa,
Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel,

Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

***<u>Attendiet ghall-ewwel parti tal-laqgha, s-Sinjura Moira Azzopardi, Koordinatrici Progetti ghall-Kunsill Lokali tal-Birgu</u>***

## Talba

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu ghal-Laqgha numru 5(07).

## Bidu tal-Laqgha

Is-Sindku is-Sur John Boxall stieden lis-Sjra Moira Azzopardi sabiex taghti rendikont tal-progetti attwali u dawk diga' maghluqin li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu/kellu sehem attiv fihom.

Is-Sjr. Azzopardi bdiet billi spjegat li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kellu rapprezentanza fil-progett **DECIDE** taht il-programm **Europe for Citizens** li gie fi tmiemu nhar il-11 ta' Gunju, 2015 gewwa l-Bosnia Herzigovina u li kien jitratta l-partecipazzjoni tac-cittadin fuq livell lokali. Ir-rapprezentanza tal-Kunsill kienet komposta mis-Sindku, is-Sur John Boxall, mis-Sur Mark Causon u minnha stess.

Hawnhekk hija giet mitluba mis-Sindku sabiex taghti rendikont dwar x'kien jinvolvi dan il-progett u x'beneficcji l-kunsill ha minnu.

Is-Sjra Azzopardi nformat lill-Kunsill b'dan li gej hawn taht.

- Il-badgit allokat lill-Kunsill kien ta' €4,000 li minnu ga thallasna 50%, cioe' €2,000. Bis-somma ta' €4,000, il-Kunsill kopra l-ispejjez ta' attivita' li saret fil-Birgu f'Dicembru, 2014 relatata mal-istess progett, baqa' profitt ta' €2,600, b'liema profitt thallsu kredituri antiki. Il-Kunsill ser jircievi l-bqija ta' din l-allokazzjoni wara li jintbaghatu r-rapporti u dokumentazzjoni ohra lil-*leading partner*, issa li spicca l-progett.

- l-ispejjez tal-ivjaggar kienu koperti mill-progett

It-tieni progett li gie pprezentat mis-Sjra. Azzopardi huwa dak taht il-programm **ERASMUS+, (EYES Youth Exchange)** fejn zewg zaghzagh, Luca Pisani u John Paul Cauchi, ser jitilghu Vicenza, l-Italja, bejn il-21 u 28 ta' Gunju, fejn flimkien ma' zghazagh ohra minn bosta pajjizi ser jippartecipaw f'diversi attivitajiet relatati ma' sahha u ambjent. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, intervjena billi nforma lil kull min kien prezenti li l-ewwel preferenza kienet li jintbaghtu 2 zghazagh mill-lokalita' tal-Birgu, pero' dan ma kienx possibbli ghax l-ebda persuna intiza fis-sugget ma rrispondiet ghas-sejha li nharget fuq livell lokali. Ghalhekk ma kienx hemm triq ohra hlief li tohrog t-tieni sejha fuq bazi nazzjonali u li minnha gew maghzula z-zewg zaghzagh imsemmija aktar 'il fuq. Is-Sinjuri Pisani u Cauchi huma gradwati fis-sahha u ambjent u accettaw li jhallsu l-ispejjez involuti f'dan il-progett inkluzi dawk tal-ivjaggar. Intant, is-Sjra Azzopardi nformat lill-Kunsill li eventwalment, l-istess kunsill ser jirrimborza dawn l-ispejjez hekk kif jircievi l-flus minghand l-organizzatur ta' dan il-progett.

L-ahhar progett li s-Sjra Azzopardi ddiskutiet mal-Kunsill kien il-progett **LADDER** taht il-progamm **Europe Aid** li ra l-bidu tieghu f'Jannar 2015 u ghandu tlett snin sabiex jinghalaq, cioe sal-31 ta' Dicembru, 2017. Dan il-progett jinvolvi 9 work packages u 30 attivita' li uhud minnhom ser jittellghu fuq livell lokali kif ukoll fuq dak nazzjonali. Il-badgit allokat huwa ta' €96,128 b'kofinanzjament ta' €14,1419 minn naha tal-Kunsill. Is-Sur Mark Causon gie mahtur project manager b'kuntratt li gie fffirmat bejnu u bejn il-Kunsil Lokali tal-Birgu fit-23 ta' Dicembru, 2014. Is-Sjra Azzopardi spjegat li l-hlas tal-project manager ser ikun kopert mill-istess progett, filwaqt li l-ispejjez tal-ivjaggar ser ikunu koperta direttament mill-ALDA, li hija l-*lead partner*.

Is-Sjra Azzopardi pprocediet sabiex tinforma lill-Kunsilliera prezenti, dwar l-attivitajiet li huma mahsuba li jsir fil-gejjieni qrib, hekk kif huma elenkati hawn taht.

- **Sqallija, 26 u 27 ta' Gunju,2015** – it-twaqqif ta' Geographical Path. Ser ikunu jattendu ghal din il-konferenza s-Sur Mark Causon u rapprezentant mill-Kunsill.

- **Irlanda u Kroazja - 15 – 17 ta' Lulju, u, 22 – 24 Lulju, 2015** rispettivament, fejn ser jintbaghtu 6 partecipanti sabiex jitharrgu u li eventwalment iharrgu persuni ohra f'sessjonijet futuri ta' dan il-progett. Dawn il-partecipanti, li fil-maggor parti taghhom huma mill-Birgu u jahdmu fi-settur edukattiv, huma Riona Barbara, Maria Ciappara, Etienne Micallef, Laura Cole, Eman Zerafa u Mark Causon. Moira Azzopardi, li hi il-kooridinatrici tal-progett, stqarret mal-Kunsill li hija ma kinietx ser tippartecipa sabiex taghti wisa' u opportunita' lil haddiehor sabiex jappartecipa fit-tahrig. Hija spjegat li dan it-tahrig ser irawwem lill-persuni kif iharreg lil haddiehor fl-izvilupp edukattiv. It-tahrig ser jinkludi temi bhal Social Inclusion, Youth Development, Migration, u Health & Environment, kif ukoll ser jigu diskussi problemi li jikkoncernaw ir-regjun Mediterranju.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha, is-Sjra. Azzopardi giet mitluba thalli l-Kamra.*

**Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 3 (07)**

Il-Minuti tar-Raba' (4) Laqgha tas-Sebgha (7) Kunsill, li gew iccirkolati qabel il-laqgha, inqraw mis-Segretarju Ezekuttiv, u gew approvati b'mod unanimu.

**Punti li Hargu ghad-Diskussjoni wara li Nqraw il-Minuti tal-Laqgha 4 (07)**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall talab lill-bqija tal-membri tal-Kunsill jekk ghandhomx xi kummenti rigward dawn il-minuti.

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, informa lill-Kunsill li huwa kien gie avvicinat minn Etienne Zahra, Segretarju Generali tal-Ghaqda Muzikali San Guzepp, Kalkara, sabiex l-Kunsill jaghti permess li d-dwal tas-swar jintfew ghal madwar nofs siegha sakemm ikun qieghed jigi mahruq in-nar tal-ajru waqt il-festa ta'

San Guzepp, Kalkara. Is-Sindku, is-Sur John Boxall kif ukoll il-Kunsillier Anton Gellel ma qablux ma din it-talba. Is-Sindku, is-Sur John Boxall sostna li specjalment dakinhar, meta wiehed jista' juri il-progett tant sabih tad-dwal li jdawwru s-swar, dan qieghed jigi mitlub sabiex jintefa'. Il-Kunsillier Gellel qabel mas-Sindku, filwaqt li sostna wkoll li anke jekk wiehed jaghti permess, tat-tifi u l-mixghela tad-dwal mill-gdid ser jinvolvu spejjez zejda ghall-kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ma jinghatx permess ghat-tifi tad-dwal tas-swar waqt il-loghob tan-nar u s-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba sabiex tinforma permezz ta' ittra b'din d-decizjoni.

Il-Kunsillier, is-Anton Gellel, issuggerixxa li l-Kunsill jibda jibghat *acknowledgement* lil kull min jibghat korrispondenza permezz tal-posta lill-Kunsill. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, filwaqt li gharraf lill-Kunsillier Gellel dan il-process huwa normali li jsir mill-kunsill b'posta elettronika, iddikjara li ma jsib l-ebda oggezzjoni li dan jibda jsir. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

**ARISING**

- Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel, semma' l-kaz tal-kiosk ta' Belvedere, fejn ikkummenta li gie deciz mill-MEPA li m'ghandux jinghata permess sabiex jitwaqqaf kiosk f'Belvedere. Intant fuq qbil unanimu, il-Kunsill qabel li jaghmel kull sforz biex dan il-permess ma jghaddix, u issa li sar dan, il-kaz min-naha tal-kunsill huwa mitmum.

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, irrefera wkoll ghall-ftehim skadut li ghandu mal-Green MT. Huwa nforma lill-kunsilliera prezenti li l-Kunsill talab direzzjoni mid-Dipartiment, liema dipartiment finalment infurmaw lill-Kunsill sabiex jikkomunika mal-kumpaniji tal-iskart riciklabbli awtorizzati, cioe', il-Green Mt u l-Green Pak sabiex tintalab kwotazzjoni minghandhom. Is-Sindku, kompla jinforma lill-kunsilliera li l-istess kunsill ta lil dawn iz-zewg kumpaniji cans sas-26 ta' Gunju, 2015 sabiex jissottomettu l-kwotazzjoni taghhom, izda sa issa l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghand dawn iz-zewg kumpaniji.

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera prezenti li wara li kien hemm qbil unanimu fil-Laqgha 4 (07), saret talba lill-Kan. Lawrence Bonnici sabiex l-irhama kommerattiva tal-450 sena mill-Assedju l-Kbir titwahhal mal-genb tal-knisja. Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera li l-Kanonku Lawrence Bonnici ta l-permess tieghu.

- Is-Sindku informa lill-kunsilliera prezenti ghal-laqgha li tlett persuni ta' nazzjonalita' Russa u interpretu Malti zaruh gewwa l-binja tal-kunsill u ltaqghu mieghu fil-prezenza tas-Segretarju Ezekuttiv. Wiehed minnhom huwa skultur u propju dakinhar kien ser jinawgura esibizzjoni tal-arti gewwa l-La Salle Institute fil-Belt, kien qed joffri li jaghmel monument a spejjez tieghu. L-ispejjez tal-Kunsill kien ser ikunu biss l-ispejjez tal-Mepa u tal-perit. Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li hu gie nfurmat minn dawn il-persuni li progett simili kien ser isir gewwa Ta' Xbiex qrib ir-Ristorant Black Pearl. Il-Sindku kompla jiddiskuti dwar l-istatwa tal-Granmastru La Vallette li kienet ilha mahsuba li ssir gewwa l-Birgu u li taghha hemm diversi abbozzi ta' kif tista' ssir. Informa wkoll lill-kunsilliera li dan il-monument kien ser isir tal-bronz. Il-Kunsillier Gellel issuggerixxa li qabel ma tittiehed xi decizjoni wiehed ghandu jigbor informazzjoni u jaghmel ricerka fuq dan il-persuna. Issugerixxa wkoll li jsir komunikat mal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex fuq din il-kwestjoni. Dan sabiex, il-Kunsill ikollu stampa cara ta' ma' min kien qieghed jinnegozja. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, qabel mas-suggeriment u ssugerixxa wkoll li l-Kunsill ghandu jiehu l-opportunita' sabiex l-membri tal-kunsill jmorru jzuru l-esebizzjoni li qeghda tittella' minn dan l-artist Russu u b'hekk ikollhom stampa aktar cara tal-kredenzjali tieghu. Dan is-suggeriment gie milqugh b'mod unanimu.

- Intant, is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill- Kunsill li l-Fondazzjoni Alf. Mizzi ghadha ma rrispondietx ghat-talba li l-Kunsill ghamel lill-istess fundazzjoni rigward li l-fondi li originarjament kienu ser jinghataw lill-Kunsill ghal-bini tat-torri tal-arlogg, issa jigu moghtija lill-Kunsill sabiex isir post rikreattiv ghat-tfal tal-lokal kif ukoll dawk tal-Kottonera.

- Id-diskussjoni daret fuq t-talba tas-sur Aldo Darmanin sabiex jinghata permess biex jokkupa zewg spazji tal-parkegg b'imwejjed ghall-stabilliment li behsiebu jiftah gewwa l-pjazza tal-Birgu. Il-Kunsillier Gellel irrimarka li fl-ebda hin fil-laqgha precidenti ma gie deciz li ssir diskussjoni mar-residenti izda li jittiehed biss *feedback*. Huwa kompla biex qal li ma tkunx idea tajba li dan l-issue jigi diskuss mar-residenti ghaliex jinqalghu hafna kontroversji. Hu sahaq li min jitlob ghal-permess ghall-imwejjed barra jhoss li ghandu jinghatalu bhalma nghata haddiehor halli ma jinholqux diskrepanzi. Il-Kunsillier Gellel stqarr li gie mressaq quddiemu suggeriment sabiex titwessa l-bankina b'nofs metru minghajr l-ebda xkiel ghal karozzi li jghaddu mill-pjazza. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, sahaq li dan ma setax ikun possibbli specjalment ghall-karozzi tal-linja ghax jinholoq periklu kbir. Il-Kunsillier Gellel issuggerixxa wkoll li titnehha l-bankina bhalma hemm f'pajjizi barranin. Il-Vici Sindku issuggerixxa sabiex il-parkegg ghall-persuni b'disabilita' jigi spustat 'l isfel mill-pjazza. Is-Sindku issuggerixxa sabiex il-Kunsill jikkonsidra parkegg ta' karozza mal-genb tal-bollards li hemm biswit il-knisja. Il-l-Vici Sindku issuggerixxa li l-parkegg tal-Unloading fi Triq Sant' Anton isir parkegg normali. Intant, is-Sindku talab sabiex tittiehed decizjoni rigward il-parkegg fil-pjazza. Sar qbil unanimu li l-Kunsill jiltaqa' personalment ma' kull min hu nteressat sabiex johrog l-imwejjed quddiem l-istabbiliment tieghu, u li filwaqt li l-Kunsill ma jerfax responsabilita' ta' dan, l-individwu ghandu jibda l-proceduri mehtiega mal-awtoritajiet koncernati. Gie deciz li jimponi fuq l-applikant it-tnehhija tal-imwejjed minn fuq il-post meta l-istabbiliment ikun maghluq. Din id-decizjoni kienet wahda unanima. Fuq qbil unanimu gie wkoll deciz li l-parkegg ghall-persuni b'dizabilita' jitnehha minn fejn qieghed u jinstablu post alternattiv, filwaqt li jinholoq parkegg fejn il-bollard qrib il-knisja.

- Intant, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, talab sabiex l-amministrazzjoni tal-Kunsill taghmel revizjoni tal-permessi, cioe' dawk specjali u residenzjali.

- Giet diskussa wkoll Triq il-Kardinal, li s-Sindku, is-Sur John Boxall iddikjara li din it-

triq gejja tiswa ftit aktar nofs miljun ewro u li minghajr l-ghajnuna finanzjarja tal-gvern centrali din qatt ma setghat issir. Il-Kunsillier Gellel stqarr li n-nies qeghdin jigu mghoddija biz-zmien minhabba li z-zmien tat-tiswija ittawwal wisq. Is-Sindku sahaq li f'din it-triq qeghdin jinbidlu s-servizzi kollha inkluzi dawk tad-dawl u tad-drenagg, ser isiru l-bankini u tarmak gdid. Is-Sindku stqarr li l-problema principali kienet li l-EneMalta ghax ma kienetx tat qisien precizi u li l-kutrattur ghamel zmien ikaxkar saqajh. Il-Kunsillier Gellel sahaq li x-xoghol involut jitlob li jkun hemm numru sostanzjali ta' haddiema, u jekk kien il-kaz li t-triq ma titlestiex sal-festa, kellu jsir mezz sabiex almenu din it-triq titnaddaf, specjalment quddiem il-binja tal-kazini li jinsabu fiha.

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill li huwa gie infumat verbalment mis-Sur Ray Vella li ghal nofs ix-xahar ta' Settembru huwa (is-Sur Vella) kien lest li johrog mill-binja ta' Couvre Porte. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tinforma b'dan lis-Sur Emanuel Buhagiar, Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

- Is-Sindku, informa lill-Kunsilliera li l-ghada, 17 ta' Gunju, hu kien gie mitlub biex bhala s-Sindku jmur jilqa' delegazzjoni importanti mic-Cina li kienet ser izzur il-Birgu .

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq gie nfurmat bid-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha precidenti tal-Kunsill, cioe' li fejn hu maghruf bhala Xatt il-Birgu jinghata l-isem tat-Triq l-Assedju l-Kbir 1565. Il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghand il-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq.

- Is-Sindku, informa lill-Kunsilliera li l-prezentazzjoni tal-materjal tal-progett Oralities saret dakinhar filghodu fil-prezenza tal-Ministru tal-Edukazzjoni, is-Sur Evarist Bartolo li fahhar hafna din l-inizzjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

- Fuq spunt iehor, is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill li sakemm kienet qeghda

ssir il-laqgha, l-istess Kunsill kienu ghadu ma rcieva l-ebda risposta rigward ir-rimborz tat-tieni parti tal-ispejjez li gew attwati fil-Berga ta' Franza.

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, ikkummenta rigward il-korrispondenza li ghaddiet bejn Id-Dott. Ruth Falzon, Segretarju, Malta Association for the Counselling Profession (MACP) u l-Kunsill, fejn l-istess kunsill talab is-somma ta' €300 ghall-attivita' li ser ssir fit-8 ta' Lulju 2016. Sakemm kienet qeghda ssir il-laqgha, il-Kunsill ma rcieva l-ebda konferma f'dan ir-rigward.

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni ghall-permess tar-rampa ghall-latrina tat-Toqba ddahlet il-MEPA. Zied jinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni ghal-lift fil-Berga tal-Ingilterra kienet ukoll fil-process li tiddahhal il-MEPA.

- Is-Sindku, informa wkoll lill-Kunsill, li l-laqgha tal-AVEC li kellha ssir gewwa l-Kroazja bejn it-2 u l-5 ta' Luju, 2015, u li hemm il-hsieb li jattendu ghaliha huwa nnifsu u l-Vici Sindku, issa ser ssir gewwa Arles, Franza.

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill, li kemm il-kwotazzjoni ghall- servizzi legali ghall-Kunsill kif ukoll il-kwotazzjoni ghat-tlugh u nzul tal-bandiera huma lesti biex jinhargu. Ma' dawn it-tnejn hemm il-hsieb li tinhareg kwotazzjoni ghall-persuna responsabbli li tiftah u taghlaq Couvre Porte. Huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jintalbu kwotazzjonijiet ghall dawn li gejjin hawn taht.

1. Drapp ghall-Bandiera ta' Malta u tal-Birgu
2. Tmien (8) siggijiet ghall-boardroom tal-Kunsill
3. Persuna responsabbli ghal qabel, waqt u wara kull attivita' socjali li ssir gewwa Couvre Porte.

- Il-Kunsillier Anton Gellel staqsa x'jinvolvi il-prezz mitlub ghall-uzu ta' Couvre Porte. Is-Sindku wiegeb li fl-ahhar attivita' €250 thallsu minn min kera l-binja lill-persuna li gie moghti r-responsabilita' sabiex

tara li kollox jibqa' fi stat tajjeb. Dan il-prezz huwa apparti t-€800 li jithallsu ghall-uzu tal-binja. U mill- €500 depositu rifondabbli f'kaz li jsir xi dannu fil-post. Is-Sindku u l-Vici Sindku stqarrew li c-cifra ta' €800 hija pjuttos baxxa ghal kirja tal-binja ta' Couvre Porte ghall-attivita' ta' tieg. Intant, il-Kunsillier Gellel sahaq li f'din il-binja m'hemmx livell ta' servizz u facilitajiet sanitarji adekwati u ghalhekk il-prezz ma jistax joghla. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

- **Glaziz Project** – Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera li saru diversi diskussjonijiet mal-Kumitat Konsultattiv ghax-Xlokk ta' Malta sabiex din iz-zona tigi zviluppata. Huwa informa lill-kunsilliera li hu ddiskuta ma' rapprezentanti ta' dan il-kumitat bini ta open air gym, grawnd tal-futbol ghat-tfal u walking track. Ir-rapprezentanti tal-kumitat imsemmi xtaqu jkun jafu lil min kienet tappartjeni l-art involuta. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-kunsilliera li l-art inkwestjoni kien giet devoluta lill-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-istess kunsill ghandu f'idejh dokumenti relatati mid-Dipartiment tal-Artijiet. Hemm il-hsieb li l-Kumitat Konsultattiv ghax-Xlokk ta' Malta japplika ghal dak li l-Kunsill iddiskuta fl-laqgha precidenti cioe' l-open air gym, grawnd tal-futbol ghat-tfal u walking track, minn fondi tal-EU bil-kofinanzjament tal-Kumitat Konsultattiv ghax-Xlokk ta' Malta. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma huwiex ser ikun involut fl-ebda spiza. Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi staqsa fuq id-dar tal-anzjani li huwa msemmi li ser tinbena fil-wied. Staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx mgharraf biha. Is-Sindku, is-Sur John Boxall wiegeb fin-negattiv. Huwa nforma lill-kunsill li rcieva korrispondenza b'ritratt li minnha seta' jinftiehem li dan il-progett ser isir fejn darba kien mahsub li jsir santwarju ghall-annimali. Is-Sindku sahaq mal-kunsilliera li fuq din il-kwistjoni trid issir diskussjoni aktar intiza. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill fuq l-ammont ta' 'l fuq minn €4,000 minn permess li hareg ghal l-uzu ta' tower crane. Is-Sindku qal li l-ammont intuza biex jithallsu z-zewg anteporti li saru fl-ufficcju tas-

Segretarju Ezekuttiv u f'dak biswitu, iz-zewg rixtelli li jinstabu fil-pjan sotteran tal-kunsill, kif ukoll iz-zewg tined li tpoggew biex jaghtu protezzjoni mill-elementi fuq iz-zewg bibien li jaghtu ghat-terrazin.

- Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, staqsa lis-Sindku x'passi ttiehdu rigward id-daghjsa li ilha mitluqa ghal zmien twil f' Sally Port. Is-Sindku, informa lill-Kunsillier Gellel li gew mehuda l-passi necessarji, cioe' li nforma permezz ta' ittra registrata lis-sid, is-Sur Maurice Vassallo, li l-kunsill kien ser jibda l-proceduri legali kemm 'il darba d-daghjsa ma titnehhiex. Kopja tal-istess korrespondenza ntbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija u lis-Superintendent ta' Bormla.

## Korrispondenza

1. **Korrispondenza elettronika lis-Sur Petr Stronskiy** – Dan is-suggett gie diskuss u rregistrat aktar 'il fuq f'dawn il-minuti.

2. **Korrispondenza rregistrata mibghuta mill-Kunsill lis-Sur Maurice Vassallo** b'konnessjoni mad-daghjsa mitluqa f' Sally Port - dan is-suggett gie diskuss u rregistrat aktar 'il fuq f'dawn il-minuti.

3. **Posta elettronika minn Regjun Xlokk** – Il-Kunsill Lokali tal-Birgu u s-Segretarju Ezekuttiv gew mistiedna sabiex jattendu laqgha rigward Planning and Development for Local Councils and EU Funding Programmes. Hadd m'attenda din il-laqgha minhabba li kienet qeda ssir propju waqt li kienet ghaddejja l-laqgha tal-Kunsill, cioe' f'dak il-waqt.

4. **Posta Elettronika minghand is-Seg. Ezekuttiv tal-Isla**, fejn il-Kunsill gie nfurmat li Europe for Citizens Programme (EACEA) approva l-progett 'Let Us Not Forget'. Dan il-progett hareg taht is-sejha tal-Eurpean Remebrance Call.

5. **Diversi korrispondenzi li jikkoncernaw il-problema tal-LES fil-Kunsill Lokali tal-Birgu -** Sensiela ta' korrispondenza mibghut li entitatjiet diversi, fosthom lid-Direttur ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill qieghed jitlob ghajnuna u direzzjoni sabiex is-sistema tal-LES terga' tigi ghan-normal fil-kunsill.

6. **Sensiela ta' korrispondenza lil u minghand il-Kan. Lawrence Bonnici** rigward il-post fejn ser tigi mwahhla l-irhama kommomerattiva li tfakkar il-450 sena anniversarju tal-Assedju l-Kbir. Din il-korrispondenza giet diskussa u rregistrata aktar 'il fuq f'dawn il-minuti.

7. **Korrispondenza elettronika lil u minghand is-Sur Mark Sansone** –li kkonferma li l-kumpanija tal-films kienet ser taghti d-donazzjoni ta' €1,500 lill-Kunsill ghal permess ta' gbid tal-film gewwa l-Birgu fit-3, fl-4 u fit-12 ta' Settembru, 2015. Il-Kunsill laqgha t-talba tas-Sur Sansone.

8. **Korrispondenza li tikkoncerna zwieg li ser isir fil-Berga ta' Franza** nhar l-10 t'Awwissu, 2015, fejn is-Sindku ikkonferma li huwa ser imexxi c-cerimonja taz-zwieg civili gewwa l-binja tal-Kunsill.

9. **Korrispondenza mibghuta mill-Kunsill lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq** rigward liema triq ser tinghata l-isem Triq l-Assedju l-Kbir, 1565. Dan is-suggett gie diskuss u rregistrat aktar 'il fuq f'dawn il-minuti.

10. **Korrispondenza elettronika li tikkoncerna l-laqgha Active Citizens for Active Climate Protection** li ser issir bejn is-17 u t-18 ta' Settembru, 2015 fl-Awstrija. Il-kunsill, permezz ta' korrispondenza elettronika informa lill-Local Councils Association li huwa nteressat li jattendi.

11. **Seniela ta' korrispondenza mibghuta mill-Kunsill lill-Ministeru Ghat-Transport u Infrastruttura** rigward it-toroq Desain u l-Kardinal. Dan is-suggett gie

diskuss u rregistrat aktar il fuq f'dawn il-minuti.

12. **Korrispondenza mibghuta mill-Kunsill lill-Green Mt u Green Pak**. Dan is-suggett gie diskuss u rregistrat aktar 'il fuq f'dawn il-minuti.

13. **Korrispondenza miz-zewg Kazini tal-Banda tal-Birgu** fejn qeghdin jitolbu s-somma ta' €3,600 ghall-ispejjez li jinvolvu l-marci u l-programmi li ser isiru f'Jum il-Birgu. Is-Sindku wera l-fehma tieghu, cioe' li fl-opinjoni tieghu din hija okkazzjoni unika u li l-ghaqdiet muzikali tal-lokalita' ghandhom ukoll jinvolvu ruhhom fl-ispejjez.

14. **Korrispondenza mill-Kan. Lawrence Bonnici** fejn wera x-xewqa tal-Kapitlu sabiex hu, cioe' Dun Lawrence Bonnici, jirraprezenta lill-Kapitlu fil-Kummissjoni ghall-attivitajiet li ser isiru b'kommemorazzjoni tal-450 sena mill-Assedju l-Kbir.

15. **Talba minghand il-Klabb tal-Bocci** ghal Rampa ghall-Persuna b'dizabilita' - Din it-talba intlaqghat bi qbil unanimu mill-membri kollha tal-kunsill.

16. **Posta elettronika minghand is-Sur Sandro Schembri** – Ghaqda Piroteknika 10 t'Awwissu – talab permess sabiex isiru zewg attivitajiet (fid-29 ta' Lulju u t-30 ta' Lulju) ghal fund raising gewwa Triq San Filippu (quddiem il-Knisja ta' San Filippu). Dawn l-attivitajiet ser jinvolvu ikla u lejla maltija. Il-permessi gew approvati bi qbil unanimu bil-kundizzjoni li l-post jitnaddaf wara kull attivita'.

17. **Korrispondenza mibghuta minghand is-Sur Aldo Darmanin** rigward permess mill-Kunsill sabiex huwa johrog imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment li bihsiebu jiftah gewwa l-pjazza tal-Birgu. Dan is-suggett gie diskuss u rregistrat aktar il fuq f'dawn il-minuti.

**AFFARIJIET OHRA**

- Is-Sindku, is-Sur John Boxall, gibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill li l-materjal turistiku spicca ghal kollox u hemm bzonn li jerga' jsir. Il-Kunsillier Gellel issuggerixxa li ghandhom jigu kkuntattjati l-istabbilimenti specjalment dawk tal-ikel li hemm gewwa l-Birgu sabiex il-Kunsill jinghata sponsorship u fl-istess hin l-istabbilimenti jibdew igawdu minn pubblicita permezz ta' dan il-materjal. Is-Sindku u l-bqija tal-Kunsill qablu b'mod unanimu mas-suggeriment tal-Kunsillier Gellel.

***Il-Laqgha 05(7) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fis-sebgha u nofs ta' filghaxija, bil-kontinwazzjoni taghha tkun is-17 ta' Gunju 2015 fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar.***

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| Tania Belfiore | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum ..................................................*

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku

Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier

Tania Belfiore - Segretarja Ezekuttiva